Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 28/2016

**Mary Vassallo (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellat)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. Ir-rikorrenti appellat minn decizjoni tal-Arbitru tal-14 ta' Ottubru, 2016 wara li b'sehh mill-10 ta' April, 2015 l-intimat waqfilha l-Ghajnuna Socjali ta' Social Assistance Carer u talabha tirrifondi lura s-somma ta' €13,147.80 hlas zejjed ghall-perjodu mis-7 ta' Marzu, 2012 sal-10 ta' April, 2015. Dan wara li fis-7 ta' Marzu, 2012 l-appellanti ttrasferiet f'isem ohtha nofs sehem indiviz ta' zewg garaxxijiet permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni.

2. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

> *"Illi l-Arbitru jhoss illi b'dovut rispett, ir-ragunament tal-appellanti huwa ghal kollox kontradittorju. Hija tghid li akkwistat garaxx f'isem il-genituri taghha minhabba l-loghob ta' missierha. Mill-provi rrizulta pero illi l-appellanti hadet bicca art bhal ma hadu hutha l-ohra kollha u li sussegwentement l-garaxxijiet inbnew fuq l-art in kwistjoni. Isegwi ghalhekk li dak li tghid l-appellanti dwar akkwist prestanome assolutament ma jaghmilx sens.*
>
> *Illi ghas-sahha tal-argument li kieku l-Arbitru kellu jemmen lill-appellanti, anqas ma jaghmbel sens li l-appellanti hallset lill-ohtha ghal flus li kienet selfitha bi proprjeta li skont l-istess appellant kienet fil-verita' tal-genituri taghhom".*

3. L-aggravju tal-appellanti gie spjegat hekk:

> *"Kif jispjega l-affidavit ta' oht l-appellanti Anna Refalo, gara li hija kienet selfet lill-appellanti s-somma ta' €20,000 mir-rikavat ta' bejgh ta' proprjeta fl-20 ta' Awissu, 1997 atti Nutar Mary sive Mariella Mizzi. Fis-sena 2012 ohtha Anna Refalo riedet il-flus lura u ghalhekk hija ttrasferiet sehemha minn zewg garaxxijiet li kellha in komun mal-istess ohtha permezz ta' kuntratt atti Nutar Mary sive Mariella Mizzi tas-7 ta' Marzu, 2012. Veru li fil-kuntratt ma saritx din l-ispjegazzjoni izda dawk kienu l-fatti kif graw".*

Ziedet li:

i. Ma kinitx qeghda tircievi ghajnuna socjali izda Social Assistance Carer.
ii. Ipprezenta il-kuntratti kollha sabiex tipprova li qeghda tghid il-verita.

iii. Bil-hlas li tircievi wiehed ma jistax ighix. Ghalhekk ma tifhimx kif l-Arbitru sabha difficli biex jemmen li sar is-self.
iv. Id-Dipartiment approva l-ghajnuna ta' Social Assistance Carer meta kien jaf li hi proprjetarja ta' immobbli.

4. L-appellat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**<u>Fatti.</u>**

5. Fil-qosor il-fatti huma:

i. L-appellanti tiehu hsieb lil huha li ghandu problemi serji ta' sahha u jidher li jiddependi mill-appellanti.
ii. Kienet tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ghajnuna socjali (wens).
iii. Fit-13 ta' Lulju, 1994 l-appellanti kienet registrata bhala sid tal-vettura Peugeot 306 li xtrat minghand Michael Attard Ltd. Quddiem l-Arbitru qalet li kienet xtrat il-vettura ghall-prezz ta' Lm15,000.
iv. B'kuntratt tas-26 ta' Marzu, 1996 Grazia Vassallo tat b'donazzjoni lil bintha l-appellanti nofs indiviz mid-dar 17, Vjal il-Helsien, Zebbug.
v. B'kuntratt tas-7 ta' Marzu, 2012 l-appellant tat lill-ohtha Anna Refalo b'donazzjoni nofs indiviz minn zewg garaxxijiet internament numerati (2) u (3), Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, Malta. Sehem li l-konvenuta kienet xtrat permezz ta' kuntratt ta' bejgh u xiri pubblikat fit-2 ta' Mejju, 2003 min-nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi. Fuq l-istess kuntratt dehret ohtha Anna Refalo li xtrat in-nofs l-iehor. Fil-kuntratt jinghad li l-valur tan-nofs indiviz tal-garaxxijiet hu ta' €29,200.
vi. Fil-kuntratt tat-2 ta' Mejju, 2003 jinghad li l-vendituri kienu, *"... akkwistaw l-art li fuqha mbaghad ikkostruwew il-blokk in kwistjoni b'titolu ta' bejgh in parti diviz mill-pter ta' Anna Refalo nee Vassallo u in parti diviza mill-poter tal-ahwa Borg, kollox in forza ta' att ta' bejgh pubblikat minni datat l-ghoxrin ta' Awissu tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (20.08.1997)".*
vii. L-appellat waqqaf l-ghajnuna lill-appellanti ghaliex isostni li l-kapital taghha kien jeccedi s-somma ta' €14,000.

6. Quddiem l-Arbitru, l-appellanti xehedet:

*"... li originarjament hi dehret fuq l-att ta' akkwist datat 2 ta' Mejju, 2003 bhala prestanome ghall-genituri taghha fuq inkarigu ta' ommha peress li missierha kellu l-vizzju tal-loghob u ghalhekk ma xtaqitx l-immobbli jkun isejjah lill-missier ukoll. Spjegat ukoll illi kienet isselfet il-flus minghand ohtha biex tixtri vettura peress li hi ma tahdimx ghax kienet tiehu hsieb ta' ommha u ta' huha. Hija pattiet ghal dan is-self lill-ohta billi fis-7 ta' Marzu, 2012 ghaddiet nofs sehem indiviz taghha ta' zewg garaxxijiet lill-istess ohtha".*

7. Anna Refalo xehedet:

*"Nikkonferma li jiena sellift Lm20,000 lill-ohti biex tixtri karozza. Mistoqsija mill-Arbitru kif tispjega li ommkom tat il-flus biss lill-appellant biex tixtri l-garaxxijiet bis-sahha tal-kuntratt tat-2 ta' Mejju, 2003 u mhux lix-xhud, nghid ghaliex jiena kelli l-flus ghax kont bieghejt ghalqa u wkoll ghax ohti, l-appellanti kienet xebba. Mistoqsija allura inti lill-ommok m'ghedtilhiex ghaliex lill-ohtok hargitilha l-flus u lilek le ? ix-xhud twiegeb: Jiena ma nindahalx x'taghmel ommi bi flusha u inoltre ohti kienet tiehu hsieb lill-ommi u lill-hija"*.

8. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Mhemmx provi cari li fuq il-kuntratt tat-2 ta' Mejju, 2003 l-appellanti kienet qeghda sempliciment tidher bhala *prestanome*. Jekk verament dehret bhala tali, mela qatt ma messha iffirmat il-kuntratt tas-7 ta' Marzu, 2012 li bih tat b'donazzjoni n-nofs indiviz tal-garaxxijiet lil ohtha Anna Refalo ghaliex ikun ifisser li l-immobbli li ttrasferiet mhumiex proprjeta taghha.
   ii. Il-karozza nxtrat fis-sena 1994. Il-qorti taraha ferm inverosimili li t-trasferiment li sar bil-kuntratt tas-7 ta' Marzu, 2012 kien bi hlas. Dan meta tqies li l-kuntratt hu ta' donazzjoni u meqjus ukoll li l-karozza kienet inxtrat iktar minn tnax-il sena qabel. Wiehed jista' jargumenta li peress li ma rrizultax li l-appellanti ghandha introjtu iehor, allura hu kredibbli li jghaddu dawk is-snin kollha qabel hallset lura s-self lil ohtha. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li l-appellanti ma tatx l-ebda raguni ghalfejn sar kuntratt ta' donazzjoni jekk fir-realta' dak it-trasferiment kien *datio in solutum*. Donazzjoni hu att ta' liberalita' li m'ghandux x'jaqsam xejn mat-twettiq ta' obbligazzjoni.

9. Fl-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru l-qorti ma tista' ssib xejn serju li jista' jwassalha biex tikkonkludi li d-decizjoni hi irragonevoli.

10. Dwar it-tezi tal-appellanti li l-hlas li kienet tircievi ma jikkwalifikax bhala ghajnuna socjali, il-qorti tosserva:

   i. Il-hlas li l-appellanti kienet qeghda tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, kienet ghajnuna socjali talli tiehu hsieb lil huha *full-time* (artikolu 30(8) tal-Kap. 318).
   ii. L-artikolu 30(8) stess, li thassar bl-Att XVI tal-2017, kien jipprovdi li l-hlas kien ghajnuna socjali. Ghalhekk m'ghandhiex ragun l-appellanti li targumenta li ma kinitx qeghda tircievi ghajnuna socjali.
   iii. M'hemmx provi li l-appellanti kienet qeghda tircievi l-pensjoni tal-wens, li ghaliha kien japplika l-artikolu 68 tal-Kap. 318 u li bl-emendi li saru bl-Att XVI tal-2017 saret Allowance ghal Carer.
   iv. Skont paragrafu 1 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, *"Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-artikolu 30, ghandhom jitqiesu*

*kull proprjeta, dhul jew privilegg skond kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda"*. Minn dak il-paragrafu jirrizulta li fejn il-valur kapitali tal-proprjeta immobbli urbana ikunu flimkien jaqbzu €14,000 fil-kaz ta' familja li tikkonsisti f'membru wiehed biss jew f'ghadd ta' membri li l-kap taghhom tkun persuna mhux mizzewwga, il-persuna li titlob l-ghajnuna ghandha titqies li mhijex intitolata ghaliha.

11. F'dan il-kaz irrizulta li l-appellanti kellha sehem f'immobbli li l-valur tieghu jaqbez is-somma ta' €14,000.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.